## 21 ta' April, 1995

## Imħallfin:-

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

John Leone Ganado

*versus*

Ministru ta' l-Intern *et*

## Sentenza ta' Ħabs - Imġiba Tajba - Remissjoni - Żmien taħt Arrest Preventiv

*Ir-Regolamenti tal-Ħabs jistabbilixxu li l-ikbar tnaqqis li jista' jingħata għal imġiba tajba uniformi hija ta' terz tas-sentenza kollha. Fil-każ preżenti s-sentenza kienet waħda ta' seba' snin priġunerija, f'liema perijodu hemm inkluż iż-żmien li wieħed ikun dam miżmum il-ħabs taħta arrest preventiv.*

Il-Qorti:-

Fis-6 ta' Settembru, 1994 l-appellat ippreżenta ċitazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti li biha wara li ppremetta:

"illi huwa kien ġie kkundannat għal perijodu ta' ħabs mill-Qrati tagħna u fil-fatt presenzjalment jinstab l-ħabs jiskonta l-istess sentenzi;

illi kif ser jiġi ppruvat waqt is-smigħ u trattazzjoni ta' din il-kawża, l-attur kien diġa' għamel perijodu konsiderevoli taħt arrest preventiv;

illi l-attur isostni li l-konvenuti m'humiex qegħdin inaqqsu r-remissjoni spettanti lilu skond il-liġi meta l-istess konvenuti qed jirrifjutaw li jnaqqsu r-remissjoni fuq l-arrest preventiv tiegħu u qed jikkalkulaw tali remissjoni fuq kemm jibqagħlu x'jiskonta wara li jitnaqqas l-arrest preventiv;

illi skond id-dispost ta' l-artikoli 140 ta' *The Mark System & Remission of Sentences Regulations: "The maximum remission obtainable in case of uniform good conduct shall be one third of the* *<u>whole</u>* *sentence*". Kwindi senz'altru l-attur għandu l-jedd jibbenefika mir-remissjoni mis-sentenza kollha mingħajr tnaqqis;

illi mill-mod ta' kif qed tiġi kkalkulata r-remissjoni għall-attur jidher ċar illi dan, minħabba *uniform good conduct* huwa intitolat għal remissjoni massima li tagħti l-liġi;

1. Talab li l-konvenuti jgħidu għaliex din l-Qorti m'għandhiex:

Tiddikjara li una volta l-attur huwa intitolat għal *maximum remission* minħabba *uniform good conduct* din ir-remissjoni trid tinħadem fuq is-sentenza sħiħa u għaldaqstant il-perijodu għandu jinkludi wkoll iż-żmien taħt arrest preventiv;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti";

L-appellanti eċċipew:

"1. Preliminarjament din il-Qorti ma għandha l-ebda kompetenza tiddeċidi jekk l-attur hux ta' *uniform good conduct* jew le u konsegwentement l-anqas għandha kompetenza hux intitolat għal *maximum remission*;

2. Illi inoltre preliminarjament il-konvenut Ministru ta' l-Intern għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju peress li ġie mħarrek inutilment stante li l-ġudizzju hu biżżejjed integru bil-preżenza tad-Direttur Ġenerali tal-Ħabs waħdu";

3. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għal premess, il-pretensjoni vvantata mill-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża";

Fis-7 ta' Frar, 1995 l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat is-sentenza tagħha, fejn wara li osservat li kienet tikkondividi dak li ġie eċċipiet fl-ewwel u t-tieni eċċezzjoni osservat hekk:

"Ma hemmx kontestazzjoni fuq il-fatti. L-attur kien ġie kkundannat għal perijodu ta' priġunerija komplessiv ta' seba' snin bit-tnaqqis ta' żmien li għamel taħt arrest preventiv, mill-Qorti tal-Maġistrati fit-2 ta' April, 1992;

Dina s-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Lulju, 1992;

L-attur qiegħed jikkontendi illi meta jiġi biex jingħata lilu r-remissjoni għandu jiġi kkalkolat mhux biss iż-żmien li huwa għamel il-ħabs wara l-għotja tas-sentenza, pero' għandu jitqies wkoll iż-żmien kollu inkluż iż-żmien li huwa kien taħt arrest preventiv;

Il-punt legali involut għalhekk huwa interpretazzjoni ta' l-avviż nru. 395 ta' l-1931 kif sussegwentement emendat ta' x'inhu jew x'inhi *the whole sentence*;

Skond l-artikolu 140 *the maximum remission obtainable in case of uniform conduct shall be one third of the whole sentence*;

Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tagħhom il-konvenuti jsostnu li s-"sentenza kollha" fir-Regolamenti tal-Ħabs għandha tiġi kkalkolata bħala s-sentenza tal-Qorti mnaqqsa mill-perijodu ta' l-arrest preventiv;

Huma jagħmlu riferenza għall-kawża fl-ismijiet **John Abela** ***versus*** **Aġent Direttur tal-Ħabs** deċiża fl-14 ta' Diċembru, 1993 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fejn isostnu li dan il-punt ġie stabblit;

Dina l-Qorti rat ir-rikors kostituzzjonali numru 418/93 AJM u s-sentenza relattiva u minkejja illi dan il-punt ġie msemmi f'din l-istess sentenza ma kienx il-bażi li fuqha il-Qorti iddeċidiet dan ir-rikors kostituzzjonali. F'dak il-każ il-punt prinċipali kien li r-rikorrent kien ibbenefika minn żewġ amnestiji mogħtija, in forza ta' proklami tal-President tar-Repubblika li permezz tagħhom il-

ħmistax-il sena priġunerija li huwa kien ġie ikkundannat għaliha, ġew effettivament imnaqqsa għal disa' snin. U għalhekk bħala fatt irriżulta li hu kien ser jagħmel disa' snin ħabs biss, u ovvjament għalhekk ir-remissjoni li hu kellu jieħu ta' bil-fors kellu jiġi kkalkolat fuq l-ammont ta' żmien li hu kien ser jagħmel il-ħabs";

L-ewwel Onorabbli Qorti wara li kkummentat li kien jidhrilha li fil-każ odjern dana l-argument kien kważi jwassal għall-konklużjoni kuntrarja, kompliet tiddelibera hekk:

"Kif isostni l-istess attur, anke fejn hu kien arrestat taħt arrest preventiv, hu kien miżmum il-ħabs, u għalhekk hu għandu jieħu ir-remissjoni relattiva;

Din il-Qorti anke in vista ta' kif inhi ppronunzjata s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati li biha ġie kkundannat l-attur, ittendi biex taqbel ma' din l-argumentazzjoni tiegħu. Hu ġie kkundannat "għal perijodu ta' priġunerija komplessiv ta' seba' snin bit-tnaqqis ta' żmien li għamel taħt arrest preventiv";

Il-kelma "komplessiv" tindika li anke fil-fehma ta' dik il-Qorti iż-żmien li fil-fatt ġie kkundannat għalih l-istess attur kien ta' total ta' seba' snin;

Għal dawn ir-raġunijiet dina l-Qorti wara li terġa' tirrepeti li dina s-sentenza hija waħda dikjarattiva u ma għandhiex tiġi bl-ebda mod interpretata li dina l-Qorti għandha ġurisdizzjoni biex taħdem hi r-remissjoni li huwa dovut lill-istess attur jew għandu jieħu tali remissjoni, jidhrilha li fil-każ preżenti, meħud in konsiderazzjoni iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, ir-remissjoni li għandha, se mai, tingħata lill-istess attur għandha tinħadem fuq iż-żmien kollu li hu

għamel arrestat sew fil-perijodu ta' arrest preventiv u sew fil-perijodu ta' arrest wara s-sentenza;

Stante in-natura tal-każ u stante wkoll li dina l-Qorti ġa' aċċettat l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet ta' l-istess konvenut, l-ispejjeż kollha ta' dina l-kawża għandhom ikunu a kariku ta' l-istess attur";

Illi l-konvenuti ħassewhom aggravati b'din is-sentenza u bl-appell li intavolaw qegħdin jitolbu li dina l-Qorti jogħġobha tbiddel u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokha f'dik il-parti fejn laqgħet it-talba ta' l-attur appellat u konsegwentement tiċħadha u tikkonfermaha fil-bqija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Illi l-attur irrisponda li s-sentenza appellata tidher li hija ġusta u għalhekk talab li s-sentenza tiġi kkonfermata;

Irriżulta li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Lulju, 1992 ikkonfermat sentenza mogħtija fit-2 ta' April, 1992 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-konfront ta' l-appellat, li bih huwa ġie kkundannat, *inter alia*:

"għal perijodu ta' priġunerija komplessiv ta' seba' snin bit-tnaqqis taż-żmien li għamel taħt arrest preventiv";

L-appellat għadu qiegħed jiskonta din is-sentenza fil-ħabs. Huwa jippretendi li skond ir-Regolamenti viġenti tal-ħabs huwa intitolat li jgawdi minn tnaqqis ta' parti minn din is-sentenza ta' priġuneija minħabba l-imġiba tajba tiegħu fil-ħabs. Huwa intavola din il-kawża għaliex bejnu u bejn l-awtoritajiet tal-ħabs hemm differenza fl-interpretazzjoni tar-Regolament relattiv;

(*Government Notice* 395/1931, kif sussegwentement emendat) li kienu magħmula bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza Dwar il-Ħabs, baqgħu sa issa fis-seħħ, u dana skond l-artikolu 10 ta' l-Att dwar il-Ħabs (Kap. 260 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta, 1994);

Din il-Qorti għandha għad-disposizzjoni tagħha l-versjoni tat-test Ingliż biss ta' dawn ir-Regolamenti. Ir-Regolament 140 jipprovdi hekk:

"*The maximum remission obtainable in case of uniform good conduct shall be one-third of the whole sentence*";

Dan ir-regolament jistabbilixxi li l-akbar tnaqqis li jista' jingħata għal imġiba tajba uniformi hija ta' terz tas-sentenza kollha. Issa l-attur appellat jirritjeni li s-"sentenza kollha" li ngħatat fil-konfront tiegħu kienet waħda ta' seba' snin priġunerija, f'liema perijodu hemm inkluż iż-żmien li huwa dan miżmum il-ħabs taħt arrest preventiv. L-Awtoritajiet tal-Ħabs, min-naħa l-oħra, isostnu li s-sentenza sħiħa ma kinitx waħda ta' seba snin, billi minn dan il-perijodu kellu jitnaqqas iż-żmien li l-appellat għamel taħt arrest preventiv;

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti qablet ma' l-interpretazzjoni mogħtija mill-appellat. L-awtoritajiet tal-ħabs ikkritikaw din is-sentenza għax sostnew li l-komputazzjoni taż-żmien ta' *remission for good conduct* kellha ssir mhux fuq seba' snin iżda fuq dak il-perijodu li jirriżulta wara li mil-perijodu ta' seba' snin jitnaqqsu ż-żmien ta' arrest preventiv;

Illi l-ewwel lanjanza ta' l-appellanti hija li:

"l-ewwel Onorabbli Qorti jidher li qabdet ma' l-użu tal-kelma "komplessiv" użata mill-Qorti tal-maġistrati fis-sentenza tagħha mingħajr ma ħarset lejn is-sustanza ta' l-istess sentenza";

Illi fil-fehma tal-Qorti din il-kritika ma hija bl-ebda mod ġustifikata. L-ewwel Qorti rriteniet li:

"Il-kelma "komplessiv" tindika li anke fil-fehma ta' dik il-Qorti ż-żmien li fil-fatt ġie kkundannat għalih l-istess attur kien ta' total ta' seba' snin";

Din il-Qorti tikkondividi pjenament dak li rriteniet l-ewwel Onorabbli Qorti billi ma għandha l-ebda dubbju li l-piena inflitta fuq l-appellat kienet waħda ta' seba' snin priġunerija.

Pero`, billi l-Qorti kienet konsapevoli li l-appellat ma kienx ingħata l-benefiċċju tal-liberta' provviżorja fil-mori tal-proċeduri li ttieħdu kontrih, jidher evidenti li l-Qorti ħasset li tkun ħaġa ġusta li dak il-perijodu li matulu l-appellat dam arrestat preventivament fil-ħabs jittieħed in konsiderazzjoni għall-fini tal-piena u mhux sempliċement jiġi injorat bħallikieku qatt ma eżista. Kien proprju għalhekk li l-Qorti ordnat it-tnaqqis ta' dan iż-żmien mill-perijodu "komplessiv" ta' seba' snin li l-appellat ingħata bħala piena għall-akkużi li tagħhom instab ħati;

L-ordinanza tal-Qorti ma tistax tiftiehem mod ieħor ħlief li l-Qorti, animata minn sens ta' ġustizzja u ekwita`, riedet li l-perijodu li l-appellat dam taħt arrest preventiv ikun ikkunsidrat bħala parti mill-piena ta' seba' snin priġunerija li ġiet inflitta fuq l-appellat. Ir-raġunament tal-Qorti kien wieħed san u korrett billi fl-aħħar mill-aħħar, l-effett tal-piena tal-priġunerija u l-effett ta' l-arrest preventiv

kien essenzjalment l-istess, ċjoe' ċ-ċaħda tal-liberta' personali lill-appellat;

Lanjanza oħra ta' l-appellanti hija li l-ewwel Qorti

"ma fehmitx l-import sħiħ"

tas-sentenza ċitata minhom, ċjoe' dik fl-ismijiet **John Abela *vs* Aġent Direttur tal-Ħabs** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru, 1993. L-appellanti ssottomettew li l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta:

"irriteniet li din is-sentenza ma tagħmilx għall-każ u li anzi twassal għall-konklużjoni opposta għal dik sostnuta mill-esponenti";

L-appellanti sostnew li l-pern ta' dik is-sentenza kien id-dikjarazzjoni tal-Qorti li:

".... tali remissjoni trid ta' bilfors tirrifletti mġiba tajba tad-detenut matul il-perijodu li effettivament jiskonta fil-ħabs. Isegwi li ma jistax ikollok *remission for good conduct* fuq perijodu li qatt ma tkun għaddejt jew qatt stajt tiddekorri fil-ħabs";

Anke din il-kritika ta' l-appellanti ma hijiex fondata. L-ewwel Onorabbli Qorti korrettement sabet li l-każ odjern kien diferrenti mil-każ fil-kawża **John Abela *vs* Aġent Direttur tal-Ħabs** billi f'dak il-każ:

"il-punt prinċipali kien li r-rikorrent kien ibbenefika minn żewġ amnestiji mogħtija in forza ta' proklami tal-President tar-Repubbblika li permezz tagħhom il-ħmistax-il sena priġunerija li

huwa kien ġie kkundannat għaliha, ġew effettivament imnaqqsa għal disa' snin. U għalhekk bħala fatt irriżulta li hu kien ser jagħmel disa' snin ħabs biss, u ovvjament għalhekk ir-remissjoni li hu kellu jieħu ta' bilfors kellu jiġi kkalkolat fuq l-ammont ta' żmien li hu kien ser jagħmel il-ħabs";

Fil-każ odjern invece, non si tratta ta' ebda amnestija, iżda t-tnaqqis jikkonċerna l-perijodu li l-appellat dam miżmum effettivament il-ħabs taħt arrest preventiv. Konsegwentement, dan il-perijodu, li l-appellat għaddieh fil-ħabs, ġustament għandu jittieħed in konsiderazzjoni tar-remissjoni applikabbli għall-każ;

Għal dawn il-motivi:

L-appell huwa miċħud u s-sentenza appellata hija kkonfermata, b'dana illi fiċ-ċirkostanzi din id-deċiżjoni għandha tiġi implimentata immedjatament;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, fiċ-ċirkostanzi, jitħallsu kollha mill-konvenuti appellanti.